# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Awwissu 2023**

**Rikors Nru : 649/2022 JPG**

**Kawza Nru : 25**

**KS**

**Vs**

**OC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' KS datat 19 ta' Dicembru 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija izzewget lill-intimat fis-sitta ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (6/8/2016) fil-Kappella ta' San Bartolomeo Hal Tarxien, certifikat taz-Zwieg bin-Numru 1605/2016, hawn anness u mmarkat Dok A.*

2. *Illi l-partijiet ilhom separaw legalment permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni taghhom datat tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (30/10/2019);*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto ma jghixu flimkien ghal tlett (3) snin, u qatt ma rrikonciljaw.*

4. *Illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

5. *Illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti stante li l-partijiet kienu rrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, u m'hemmx arretrati ta' manteniment ghat-tifel dovuti mir-ragel.*

6. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u qed tikkonfermahom bil-gurament.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn imsemmija ir-rikorrenti umilment titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewwgu fis-6 ta' Awissu 2016 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti, javza lid-Diretur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 15 ta' Mejju 2023 li permezz taghha ma opponiex ghat-talba tal-attrici;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 17) illi l-partijiet izzewgu nhar is-6 ta' Awwissu 2016, u minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Joanne Spiteri nhar it-30 ta' Ottubru 2019 izda sseparaw de facto nhar is-7 ta' Gunju 2019. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm arretrati ta' manteniment.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 27) u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

> ***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar 6 ta' Awissu 2016, liema zwieg jgib certifikat numru 2566/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Spiteri nhar it-30 ta' Ottubru 2019 (Vide fol 4 et seqq.) izda jirrizulta illi l-partijiet isseparaw de facto f'Gunju 2019. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2566/2016 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**